



Brussell, 30 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9259/18

Fajls Interistituzzjonali:
2017/0123 (COD)
2017/0122 (COD)
2017/0121 (COD)

TRANS 220
SOC 301
EMPL 237
MI 379
COMPET 361
CODEC 832

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	ST 8919/18 TRANS 198 SOC 246 EMPL 190 MI 342 COMPET 306 CODEC 767 + ADD 1-4 ST 9668/17 TRANS 212 CODEC 923 ST 9670/17 TRANS 214 SOC 440 CODEC 925 ST 9671/17 TRANS 215 SOC 441 EMPL 342 MI 456 COMPET 450 CODEC 926
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1071/2009 u r-Regolament (KE) Nru 1072/2009 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward ta' rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi ta' sewqan kuljum u kull ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perijodi ta' mistrieħ kuljum u kull ġimgħa u r-Regolament (UE) 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq – Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni adottat it-tliet proposti fil-31 ta' Mejju 2017 bħala parti mill-ewwel sensiela tal-Pakkett dwar il-Mobilità. L-approċċi ewlenin tal-proposti individwali huma dawn li ġejjin:
 - *L-aċċess għall-professjoni u s-suq*: issikkar u armonizzar tal-kondizzjonijiet tal-istabbiliment ta' kumpanniji u t-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri kontra l-kumpanniji tal-isem; liċenzjar obbligatorju ta' operatori ta' vetturi kummerċjali ħfief; reviżjoni u simplifikazzjoni tar-restrizzjonijiet tal-kabotaġġ u mekkaniżmi relatati ta' kontrolli; il-mixja lejn dokumenti elettroniċi;
 - *Ħinijiet tal-mistrieħ u tas-sewqan u t-takografu*: żieda tal-flessibbiltà fl-użu tal-perijodi ta' mistrieħ fil-ġimgħa biex ikun faċli għax-xufiera li jmorru lura d-dar; obbligu ċar għall-operatori li jipprovdu akkomodazzjoni xierqa u mħallsa barra l-kabina tax-xufier; obbligu ta' kodifika tal-qsim tal-fruntieri fit-takografu sabiex ikunu ffaċilitati l-kontrolli;
 - *L-istazzjonar tal-ħaddiema fis-settur tat-trasport bit-triq u l-infurzar tal-leġislazzjoni soċjali*: kjarifika tal-applikazzjoni tal-prinċipji tal-"istazzjonar tal-ħaddiema" permezz tal-istabbiliment ta' limitu tal-ħin li wieħed jgħaddi fi Stat Membru (tlitt ijiem fix-xahar fil-każ tat-trasport internazzjonali) wara liema żmien jibdedw japplikaw ir-regoli nazzjonali dwar il-paga minima u l-liv annwali mħallas; listi ta' kontrolli dettaljati għall-kontrolli fl-Istat Membru ospitanti bbażati fuq metodu armonizzat għall-kejl tar-riskji u li jkopru wkoll id-direttiva dwar il-ħin tax-xogħol.
2. Il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) ħatar lis-Sur Ismail Ertug (S&D, DE) bħala r-rapporteur għall-proposta li temenda r-Regolamenti 1071/2009 u 1072/2009, is-Sur Wim van de Camp (PPE, NL) bħala r-rapporteur għall-proposta li temenda r-Regolamenti 561/2006 u 165/2014, u lis-Sinjura Merja Kyllönen (EUL/NGL, FI) bħala r-rapporteur għall-proposta li temenda d-Direttiva 2006/22/EC u li tistabbilixxi regoli speċifiċi dwar l-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq. Il-Kumitat biġisieb jivvota dwar ir-rapporti rispettivi fl-4 ta' Ġunju 2018. Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) ta opinjonijiet fuq l-ewwel proposta fit-30 ta' April 2018, fuq it-tieni waħda fis-26 ta' April 2018 u fuq it-tielet waħda fl-4 ta' Mejju 2018.

3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta żewġ opinjonijiet dwar it-tliet proposti fit-18 ta' Jannar 2018, u l-Kumitat tar-Reġjuni Ewropew opinjoni waħda li tkopri dawk il-proposti fl-1 ta' Frar 2018.

II. ĦIDMA FI ĦDAN IL-KUNSILL

4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art studja l-proposti taħt Presidenzi preċedenti bejn l-1 ta' Ġunju u s-6 ta' Novembru 2017, li rriżulta f'rapport ta' progress¹ li ġie ppreżentat lill-Kunsill fil-5 ta' Diċembru 2017.
5. Id-delegazzjonijiet ta' DK u ta' UK daħħlu riżervi ta' skrutinju parlamentari. Riżerva ta' skrutinju Parlamentari ta' PL tneħħiet reċentement. Diversi delegazzjonijiet għandhom riżervi ta' skrutinju fuq partijiet tat-test, b'mod partikolari b'rabta mal-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) għall-kooperazzjoni amministrattiva u b'rabta mal-ġhoti ta' setgħat lill-Kummissjoni.
6. Matul il-Presidenza Bulgara l-grupp ta' ħidma eżamina abbozz ta' kompromessi tal-Presidenza relatati ma' dawk il-proposti f'16-il okkażjoni bejn is-16 ta' Jannar u l-14 ta' Mejju 2018. Importanti li wieħed jinnota li d-delegazzjonijiet kollha jaqblu li t-tliet proposti huma tant marbutin ma' xulxin mill-qrib li jkun hemm progress jekk dan jinkiseb b'mod parallel. Xi delegazzjonijiet jaraw interkonnessjoni daqstant importanti mal-proposta dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-trasport ikkombinat².
7. Sar progress konsiderevoli f'kwistjonijiet tekniċi u xi wħud politiċi. B'mod partikolari, fir-rigward tar-Regolament 1071/2009 dwar l-aċċess għall-professjoni, il-Kompromess tal-Presidenza jindirizza t-tħassib li ġej:

¹ dok. 14841/17.

² Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 92/106/KEE dwar it-twaqqif ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-merkanzija bejn l-Istati Membri (dok. 14213/1/18 REV 1).

- li tkun limitata l-inkorporazzjoni fis-sistema ta' liċenzjar tal-operaturi li jużaw vetturi kummerċjali ħfief (LCVs) għal dawk l-operaturi li jużaw LCVs ta' aktar minn 2,5 tonnelli għal trasport internazzjonali. Dan l-adattament tar-rekwiżiti ta' liċenzjar hu akkumpanjat minn tkabbir, meta mqabbel mal-proposta, tar-rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati għal tali liċenzja: l-operaturi ta' LCVs iridu jissodisfaw ir-rekwiżiti standard kollha, u tiżdied dispożizzjoni ta' anteorjorità biex wieħed jagħti evidenza tal-kompetenza professjonali;
- li jiġu rinfurzati xi wħud mill-elementi meħtieġa biex wieħed juri stabbiliment effettiv u stabbli fi Stat Membru. Barra minn hekk, il-kompromess fih elementi fakultattivi li Stat Membru jista' japplika meta jivvaluta din ir-rabta;
- li jinżamm il-kunċett tal-proposta ta' rekwiżiti finanzjarji differenzjati skont il-kategorija tal-vetturi użati, iżda li jkun hemm xi flessibbiltà għal rekwiżiti ogħla u għall-mezzi biex wieħed juri l-issodisfar tar-rekwiżiti;
- għal dawk li huma reġistri nazzjonali, li jonqos l-ammont ta' xogħol addizzjonali, waqt li fl-istess ħin ikun hemm spjegazzjoni aktar dettaljata u aktar standardizzjoni tal-proċedura għall-kooperazzjoni amministrattiva;
- li jonqsu l-obbligi ta' rapportar addizzjonali tal-Istati Membri, f'termini ta' kontenut u frekwenza, biex b'hekk ikun jista' jintbagħat rapport ikkombinat lill-Kummissjoni dwar ir-Regolamenti 1071/2009 u 1072/2009.

8. Fir-rigward tar-Regolament 1072/2009 dwar l-aċċess għas-suq, il-Kompromess tal-Previdenza jindirizza t-tħassib li ġej:

- l-allinjament tar-rekwiżiti tal-liċenzjar għat-trasport internazzjonali ta' oġġetti mar-rekwiżiti ġodda tal-liċenzjar biex jintużaw LCVs ta' aktar minn 2,5 tonnelli; fejn japplikaw rekwiżiti finanzjarji differenzjati għall-aċċess tal-professjoni, il-liċenzja Komunitarja għall-vettura trid tispeċifika jekk hijiex biss għal LCV;
- il-provvediment ta' gwida, permezz ta' premessa, dwar l-apprezzament ta' kontejners jew ta' palits vojta fil-kuntest tal-iżgurar ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ;

- l-introduzzjoni ta' ftit flessibbiltà fl-ippjanar u l-eżerċitar ta' kontrolli mal-ġenb tat-triq fir rigward tar regoli dwar il-kabotaġġ;
- l-allinjament tar-rapportar tal-Istati Membri mal-Kummissjoni bir-rapportar tagħhom skont ir-Regolament 1071/2009.

9. Fir-rigward tar-Regolament 561/2006 dwar ħinijiet tal-mistrieħ tax-xufiera, il-Kompromess tal-Presidenza jindirizza t-tħassib li ġej:

- li l-eżenzjoni għal vetturi użati f'trasport mhux kummerċjali tiġi limitata għal piż massimu ta' 12-il tunnellata, waqt li l-proposta tal-Kummissjoni ssuġġeriet li jitneħħa l-limitu fuq il-piż; li d-definizzjoni l-ġdida ta' "trasport mhux kummerċjali" ssir aktar fid-dettall;
- li tinżamm il-flessibbiltà eżistenti offruta biex il-kumpens għal mistrieħ inqas fil-ġimgħa jingħata f'perijodu ta' mistrieħ ieħor ta' mill-inqas disa' sigħat;
- li tiżdied bi ftit il-flessibbiltà biex wieħed jiddevja mir-regoli dwar il-ħinijiet ta' sewqan u ta' mistrieħ f'ċirkostanzi eċċezzjonali, meta x-xufier ikun irid jasal fiċ-ċentru operazzjonali ta' min iħaddmu jew il-post ta' residenza tiegħu;
- li tiġi modifikata l-lista ta' eżenzjonijiet nazzjonali fakultattivi biex tinkludi żoni remoti li mhumiex konnessi mal-kontinent, u li jkun hemm eżenzjonijiet għall-vetturi li jittrasportaw konkors imħallat lest, minħabba li t-tagħbija tkun trid tintuża f'ħin qasir u d-distanza limitata tal-operazzjoni;
- li jiġu evitati vantaġġi kompetittivi ulterjuri għall-operaturi ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-UE billi l-Kummissjoni ssir konxja dwar il-ħtieġa li tivvaluta s-sitwazzjoni u mbagħad tipproponi soluzzjonijiet.

10. Fir-rigward tar-Regolament 165/2014 dwar it-takografi, il-Kompromess tal-Previdenza jindirizza t-tassib li ġej:

- jiġi aġġornat il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni li r-regoli dwar it-takografi suppost jappoġġaw permezz ta' monitoraġġ aħjar tal-konformità, u l-aġġornament tad-dispożizzjonijiet relatati dwar il-protezzjoni tad-data;
- il-Kummissjoni tkun obbligata tadotta speċifikazzjonijiet għat-tieni verżjoni³ ta' takografi intelliġenti fi żmien 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-att emendatorju; il-vetturi li jkunu għadhom kemm ġew reġistrati jkunu obbligati jkollhom abbord din l-aħħar verżjoni;
- isir obligatorju l-użu ta' takografi li jipprovdu interfaċċja ma' apparat estern f'vetturi li jiġu rreġistrati wara l-iżvilupp tat-tieni verżjoni ta' takografi intelliġenti;
- it-takografi jkunu jistgħu jiġu ssiġillati mill-ġdid minn uffiċjali kwalifikati u awtorizzati tal-kontroll li jkunu kisru s-siġill minħabba kontrolli;
- jiġi speċifikat l-obbligu li tiddaħħal l-informazzjoni dwar il-qsim tal-fruntieri f'takografi li ma jipprevedux dan b'mod awtomatiku; b'hekk ix-xufier ikollu l-flessibbiltà li jistenna il-waqfa regolari li jkun imiss sabiex jikkonforma ma' dan l-obbligu;
- jiġu aġġornati l-obbligi tax-xufiera li jużaw takografi analogi f'termini tad-dokumentazzjoni ta' qsim ta' fruntieri u f'termini tal-perijodu taż-żamma ta' rekords abbord.

³ L-ewwel verżjoni ta' takografi intelliġenti ser tiġi introdotta fl-2019, u ser ikollha bħala karatteristika ewlenija konnessjoni bis-satellita. Bit-tieni verżjoni, il-qsim tal-fruntieri jkun jista' jiġi rreġistrat b'mod awtomatiku, u din hi karatteristika ġdida proposta mill-Kummissjoni.

11. Fir-rigward tad-Direttiva 2006/22/KE dwar l-infurzar ta' regoli soċjali u dwar regoli speċifiċi għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq, il-kompromess tal-Presidenza jindirizza t-tħassib li ġej:
- jinżamm il-kunċett fil-proposta tal-Kummissjoni li l-kontroll tal-konformità jiġi inkorporat mad-Direttiva dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol fid-Direttiva dwar l-infurzar ta' regoli soċjali, filwaqt li jkun hemm aktar flessibbiltà dwar kif jiġi organizzat il-kontroll; ikun hemm aktar kjarifika dwar liema regoli f'dik id-Direttiva ġeneralment għandhom jiġu kkontrollati ma' ġenb it-triq;
 - l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) tal-Kummissjoni għall-kooperazzjoni amministrattiva;
 - il-Kummissjoni tingħata s-setgħa biex tadotta atti delegati għall-aġġornament tal-lista, u ppeżar relatat, ta' ksur, kif ukoll għall-aġġornament tar-regoli dwar tagħmir standard għall-unitajiet tal-infurzar u l-listi li jagħtu dettalji dwar is-suġġetti ta' kontrolli ma' ġenb it-triq u kontrolli fil-bini tal-impriża;
 - jiġu evitati vantaġġi kompetittivi ulterjuri għall-operaturi ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-UE billi l-Kummissjoni ssir konxja dwar il-ħtieġa li tivvaluta s-sitwazzjoni u mbagħad tipproponi soluzzjonijiet.
12. Rigward xi wħud minn dawn is-soluzzjonijiet, għadd ta' delegazzjonijiet għandhom riżervi jew jeħtieġu elementi addizzjonali.
13. Fit-2 ta' Mejju 2018, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti pprovda gwida għal aktar ħidma. Id-diskussjoni kkonfermat li filwaqt li d-delegazzjonijiet ġeneralment jaqblu mal-oġġettivi tal-proposti u kollha għandhom ir-rieda li jimxu 'l quddiem, l-opinjoni tagħhom dwar kif l-aħjar jinkisbu dawk l-oġġettivi jvarjaw. Fil-25 ta' Mejju 2018, il-Kumitat ġejja l-fajl għall-Kunsill.

III. KWISTJONIJIET PENDENTI

14. B'kont meħud tal-interkonnessjoni bejn il-fajls, u fid-dawl tal-progress sostanzjali dwar kwistjonijiet tekniċi, il-kwistjonijiet li ġejjin huma l-aktar sensittivi biex jintlaħaq kompromess ġenerali għal pożizzjoni indikattiva tal-Kunsill:

- fażi tranżitorja tar-rekwiżit ta' liċenzjar ġdid għall-vetturi kummerċjali ħfief (Regolamenti 1071/2009 u 1072/2009);
- regoli ta' kabotaġġ (Regolament 1072/2009);
- organizzazzjoni ta' perijodi ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa u fejn dawn jittieħdu (Regolament 561/2006);
- frekwenza tad-dritt għal "lura d-dar" (Regolament 561/2006);
- it-tagħmir mill-ġdid ta' vetturi b'takografi intelliġenti li jiċċirkolaw (Regolament 165/2014);
- regoli speċjali dwar l-istazzjonar ta' xufiera, f'termini tal-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, it-tul ta' żmien u l-kontroll (*lex specialis*).

a) Fażi tranżitorja tar-rekwiżit ta' liċenzjar ġdid għall-vetturi kummerċjali ħfief (Regolamenti 1071/2009 u 1072/2009)

15. Fl-aħħar proposta ta' kompromess tagħha, il-Presidenza tissuġġerixxi l-introduzzjoni gradwali, fi żmien sentejn wara d-dħul fis-seħħ tal-att emendatorju, tar-rekwiżiti ta' liċenzjar għall-operaturi ta' LCVs ta' aktar minn 2,5 tonnelli li jintużaw fis-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija. Din il-proposta għandha l-appoġġ ta' ħafna delegazzjonijiet, filwaqt li grupp konsiderevoli ta' delegazzjonijiet jitlob transizzjoni itwal.

b) Regoli ta' kabotaġġ (Regolament 1072/2009)

16. Sabiex jingħeleb l-impass ikkawżat minn valutazzjonijiet diverġenti dwar l-impatti ta' regoli simplifikati ta' kabotaġġ, il-Presidenza fl-aħħar proposta ta' kompromess tagħha tissuġġerixxi li jinżammu r-regoli attwali, supplimentati bi perijodu ta' preklużjoni ta' jumejn bejn ċikli permessi ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ, sabiex ikun hemm strument kontra l-użu ħażin. Ħafna delegazzjonijiet iqisu dan il-pass bħala soluzzjoni possibbli, iżda jiddispjaċihom li s-simplifikazzjoni mixtieqa b'hekk ma sseħħx, għalkemm jinnutaw ukoll li t-teknoloġija ta' kontroll ser titjieb fil-futur. Grupp konsiderevoli ta' delegazzjonijiet ma jaċċetta l-introduzzjoni ta' ebda element ta' restrizzjoni fir-regoli eżistenti ta' kabotaġġ.

c) Organizzazzjoni ta' perijodi ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa u fejn dawn jittieħdu (Regolament 561/2006)

17. Fl-aħħar proposta ta' kompromess tagħha, il-Presidenza tissuġġerixxi li tapprova l-approċċ tal-Kummissjoni għall-organizzazzjoni tal-perijodi ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa fi skeda ta' erba' ġimgħat (milli tnejn kif fil-preżent), filwaqt li tiġi emendata l-proposta fis-sens li l-kumpens għal perijodu inqas ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa jkun irid jittieħed qabel tmien ir-raba' ġimgħa wara dik meta jkun ittieħed il-perijodu mnaqqas ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa. Id-delegazzjonijiet huma maqsuma dwar dan l-approċċ.
18. Id-delegazzjonijiet huma maqsuma wkoll dwar is-suġġeriment tal-Presidenza li jippermetti deroga mill-projbizzjoni li wieħed jgħaddi l-perijodu regolari ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa fil-kabina, dment li jintużaw żoni ta' parkeġġ li jikkwalifikaw u li jkunu siguri u komdi. Konsegwentement, id-delegazzjonijiet li ma jaċċettawx tali deroga ma jaqblux ukoll li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tispeċifika l-kriterji li għandhom jikkonformaw magħhom tali żoni ta' parkeġġ. Xi delegazzjonijiet li jappoġġaw l-idea tad-deroga indikaw li ma hemmx biżżejjed żoni dedikati fejn ix-xufiera jkunu jistgħu jużaw tali deroga. Fl-aħħar kompromess tagħha, il-Presidenza pproponiet test li jispeċifika li x-xufiera għandhom jitħallew jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa fil-kabina tat-trakk sakemm ikun hemm numru suffiċjenti ta' żoni dedikati fl-UE.

d) Frekwenza tad-dritt għal "lura d-dar" (Regolament 561/2006)

19. Filwaqt li d-delegazzjonijiet ġeneralment jaqblu mal-kompromess tal-Presidenza li l-post minn fejn ix-xufiera jmorru lura d-dar li l-operatur ikun obligat joffri lix-xufiera tiegħu għandu jkun jew iċ-ċentru operazzjonali jew ir-residenza tax-xufier, huma għandhom pożizzjonijiet diverġenti dwar l-iskeda regolari ta' tali ritorn. Il-Presidenza ssuġġeriet frekwenza ta' kull sitt ġimgħat, meta mqabbla ma' dik tal-Kummissjoni ta' kull tliet ġimgħat. Numru konsiderevoli ta' delegazzjonijiet qed jitolbu perijodu iqsar. Il-Presidenza ssuġġeriet ukoll li jkun ċarat li dan l-obbligu ma jaffettwax id-dritt tax-xufiera li jagħżlu kwalunkwe post ieħor biex jistrieħu. L-osservanza ta' dan l-obbligu (Art. 8(8A)) mill-impriża hi prevista, fit-test ta' kompromess tal-Presidenza, li tiġi kkontrollata fil-bini tal-impriża.

e) It-tagħmir mill-ġdid ta' vetturi b'takografi intelliġenti li jiċċirkolaw (Regolament 165/2014)

20. Id-delegazzjonijiet, fil-prinċipju, qablu mal-ħidma tal-Presidenza li tavvanza t-tagħmir mill-ġdid ta' vetturi b'takografi intelliġenti. Il-Kummissjoni ppreżentat studju dwar l-aspetti operazzjonali ta' dan it-tagħmir mill-ġdid. Għad hemm fehmiet diverġenti speċjalment fuq l-elementi li ġejjin:
- liema kategoriji ta' takografi għandhom jagħmlu parti mill-ewwel sensiela ta' tagħmir mill-ġdid (erba' snin wara l-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet għall-verżjoni 2 ta' takografi intelliġenti);
 - meta ssir it-tieni sensiela (il-Presidenza tissuġġerixxi seba' snin wara l-adozzjoni ta' dawg l-ispeċifikazzjonijiet);
 - jekk il-vetturi li diġà jkunu qed jużaw it-takografi intelliġenti li ser jiġu introdotti fl-2019 għandhomx ikunu obligati wkoll li jiġu mġammra mill-ġdid bil-verżjoni l-aktar avvanzata.

f) Regoli speċjali dwar l-istazzjonar ta' xufiera, f'termini tal-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, it-tul ta' żmien u l-kontroll (*lex specialis*)

21. Skont id-diskussjoni li kien hemm s'issa, l-applikazzjoni tar-regoli ta' stazzjonar għal xufiera professjonali ta' trakkijiet li joperaw fi Stati Membri għajr dak fejn il-kumpannija tagħhom tkun stabbilita, tirrappreżenta diffikultà maġġuri. Id-delegazzjonijiet jinsabu maqsuma dwar l-applikazzjoni ta' perijodu ta' grazzja biex jiġu applikati regoli essenzjali ta' stazzjonar għal vetturi li joperaw fit-trasport internazzjonali ta' oġġetti, u dwar jekk il-vetturi li joperaw f'kabotaġġ għandhomx ikunu wkoll soġġetti, taħt kondizzjonijiet stretti, għal tali perijodu ta' grazzja. Id-diverġenza ta' opinjoni hi wkoll riflessa fil-kwistjoni tal-kalkolu ta' perijodu ta' grazzja bħal dan, b'mod partikolari jekk in-nofstanhari għandhomx jingħaddu u jekk il-perijodi regolari ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa għandhomx jiġu inklużi fil-kalkolu. L-aħħar proposta ta' kompromess tal-Presidenza tipprevedi differenzazzjoni bejn il-perijodu ta' grazzja li jiġi applikat fit-trasport internazzjonali ta' oġġetti (sebat ijiem konsekuttivi f'xahar kalendarju) u perijodu ta' grazzja aktar qasir (tlitt ijiem konsekuttivi f'xahar kalendarju) li jiġi applikat meta x-xufier ikun qed jagħmel operazzjonijiet ta' kabotaġġ.
22. Kważi d-delegazzjonijiet kollha jappoġġaw il-proposta tal-Kummissjoni li tillimita r-rekwiżiti ta' dokumentazzjoni fit-triq għal lista magħluqa. Madankollu, numru konsiderevoli ta' delegazzjonijiet ma jaqblux mad-dettalji ta' din il-lista kif ġiet modifikata mill-Presidenza, u xi wħud minn dawn id-delegazzjonijiet ukoll esprimew riżervi dwar l-użu tas-sistema IMI għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet dwar l-istazzjonar.
23. L-aħħar abbozz ta' kompromess tal-Presidenza jinsab fl-addenda 1 sa 4 ta' dan ir-rapport.

IV. KONKLUŻJONIJIET

24. Il-Kunsill hu mistieden jieħu nota ta' dan ir-rapport ta' progress bil-ħsieb li jsir aktar progress fuq il-kwistjonijiet pendenti rigward dawn il-proposti tal-pakkett.